MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 232/2011

**A B**
**vs**
**Avukat Dottor Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia b'digriet tal-25 ta' Awissu 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B u lill-minuri D B, Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Settembru 2006 gewwa l-Filippini liema zwieg gie registrat Malta bin-numru 2122/2007;

Illi matul iz-zwieg, twieldet tifla D B, nhar it-30 ta' Jannar 2011.

Illi fl-att tat-twelid tal-minuri D B, liema att huwa datat it-8 ta’ Frar 2011, u ghandu numru t’iskrizzjoni ‘31953’, ir-rikorrenti huma mnizzel bhala l-missier naturali tal-minuri (ara d-dokument hawn aness u mmarkat bhala Dok JB1);

Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabilment u dan ghar-ragunijiet imputabbli solament lill-intimata u fil-fatt inbdew proceduri ghas-separazzjoni personali;

Illi l-attur dejjem haseb li hu kien il-missier naturali tal-minuri u dejjem tratta lill-minuri D B bhala bintu;

Illi f’dawn l-ahhar xhur, ir-rikorrenti gieh suspett illi l-minuri setghet ma kienitx bintu u dan minhabba li sar jaf li martu kellha diversi relazzjonijiet extra maritali;

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti ghamel *DNA Paternity Test* u fid-9 ta’ Gunju 2011, ir-rikorrenti inghata r-rizultat ta l-imsemmi test mis-socjeta’ *‘DNA Solutions’*, fejn gie kkonfermat li l-minuri D B ma kienitx il-wild naturali tar-rikorrenti (ara d-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok JB2);

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri D B m’hijiex il-wild naturali tieghu u ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri f’dan is-sens;
2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri D B, liema att igib in-numru t’iskrizzjoni ‘31953’, billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tar-rikorrenti A B u l-istess jigu sostitwiti b’dak it-taghrif illi jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti;

U dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xieraq u opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawża ta’ *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu attiż in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna l-esponenti jħoss opportun li huwa fl-aħjar interess tal-minuri D B, li din l-Onorabbli Qorti tuża’ s-setgħa tagħha mogħtija lilha bl-**Artikolu 70 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta,** billi tistieden lill-partijiet involuti f’dawn il-proċeduri sabiex joqogħdu għall-eżamijiet u l-analiżi meħtieġa biex tiġi stabbilita kull prova ġenetika li jkollha x’taqsam mal-każ;

4. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 481 tas-sena 2011;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Noel Bartolu u il-PL Nadine Farrugia, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati;
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat ix-xhieda illi giet prodotta, id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA Diagnostics Center illi jixhed illi l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri D B. Dan ir-rapport gie ipprezentat permezz ta' Nota ta' l-attur tal-31 ta' Ottubru 2011.

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-minuri D B mhijiex il-wild naturali tieghu u ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan is-sens.

Illi irrizulta mill-ftehim illi lahqu il-partijiet A B u C E-B; liema ftehim gie esebit ukoll permezz ta' nota ta' l-attur tal-31 ta' Ottubru 2011, illi C E-B qablet illi kellu jsir it-test xjentifiku tad-DNA sabiex jiddetermina il-paternita tal-minuri u qablet illi jekk ir-rizultat tad-DNA jipprova li l-attur

mhuwiex il-missier biologiku tal-minuri hija kienet taqbel illi huwa jipprezenta il-kawza odjerna.

Illi irrizulta wkoll mix-xiehda illi ta' l-attur, illi f'April 2010 huwa kien nizel Malta u kien qal lil martu sabiex tibqa il-Filippini biex tkompli bl-istudju taghha, izda sar jaf illi minflok ghamlet hekk regghet siefret ma certu F G. Huwa kien ikkonfrontaha b'dan kollu u qaltlu li kienu biss hbieb. F'Mejju 2010 martu qaltlu li kienet qeghda tistenna tarbija u huwa kellu id-dubju dwar jekk kienx hu il-missier naturali ta' din it-tarbija u dana peress illi f'Ottubru 2010 ircieva messagg minghand F G fejn kien qallu illi hu kien ilu johrog ma martu madwar sentejn u kien hemm probabbilita illi t-tarbija kienet tieghu. L-attur kompla jixhed illi matul it-tqala martu nizlet tghix Malta u hu kien qalilha li din id-darba ma setghax jerga jahfrilha li kellha relazzjoni ma terza persuna u kienu iddecidew li ma jghixux aktar flimkien. Huwa iddecieda illi jistitwixxi il-kawza odjerna, sar it-test tad-DNA f'Awissu 2011 u irrizulta li huwa ma huwiex il-missier biologiku tal-minuri D.

Illi l-Qorti tara illi giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku peress illi l-attur irnexxielu jipprova illi mhuwiex il-missier biologiku tal-minuri.

Il-Qorti qeghda tilqa r-raba eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif dedotta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tatqa u tiddeciedi din il-kawza billi previa rigett tal-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-imsemmija minuri D B m'hijiex il-wild naturali tal-attur u ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens u ghalhekk tordna il-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri liema att igib in-numru t'iskrizzjoni '31953', billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-attur A B u l-istess jigi sostitwit b'missier mhux maghruf. Il-Qorti tordna ukoll illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jikkancella il-kliem *"the said"* li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela

fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom ukoll jigu ikkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru ta' registrazzjoni 481/2011. Il-Qorti tordna illi minhabba ic-cirkostanzi tal-kaz odjern l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------